KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone +356 2133 7633
Fax +356 2134 5333
Email sliema.lc@gov.mt
Website sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 42 (Kontinwazzjoni)

It-Tnejn u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2015 fis-6.18pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

5. *Patching u Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini*
6. *Kuntratt ta' Tpaccija – Polidano Bros*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

## 5. PATCHING U MANUTENZJONI TA' TOROQ U BANKINI

5.1 Is-Sindku informa li kellu l-laqgħa mal-Kabinett u qal li kellu ċ-ċans li jgħaddi l-kummenti dwar is-sitwazzjoni tal-Kunsill li jinsab bħalissa, li ma jingħatax kumpens għal ħsara fit-toroq li ġġib magħha l-kostruzzjoni f'Tas-Sliema. Ġie nnottat ukoll li f' Tas-Sliema m'hemm l-ebda triq arterjali u talab li ezempju hemm bzonn li ssir Triq Manwel Dimech għaliex il-Kunsill ma jiflaħx iħallas kemm tiswa madwar Ewro 700, 000 u hija filfattt triq prinċipali. *Laqgħa mal-Kabinett*

5.2 Waqt l-istess laqgħa mal-Kabinett is-Sindku informa li semma' wkoll l-problema tal-parkeġġ f'Tas-Sliema u li l-Kunsill għadu bla risposta dwar l-RPZ.

5.3 Is-Sindku qal li ħadu nota ta' dak kollu li ntqal u l-Gvern wera li se jagħti *committment* dwar il-punti li tressqu għal tip ta' soluzzjoni.

5.4 Dwar is-sitwazzjoni tal-*hawkers* is-Sindku informa li kellu laqgħa mas-Superintendent u li l-pulizija ġabru l-liċenzji kollha għaliex kien hemm ħafna differenti speċjalment in-naħa tal-ferries. Il-Kunsill informa li l-proċess tal-*bye laws* beda. *hawkers*

5.5 Is-Sindku informa li hemm lista ta' *patching* li hemm bzonn li jsiru fosthom : *Patching*

1. *Tower Road (part leading to Fond Ghadir)*
2. *Patch cement near flaps of Gnien Bonello Dupuis*
3. *Dingli Street opp. No. 10*
4. *Opp. In Dingli (in Blanche)*
5. *In Dingli (opposite lower pharmacy)*
6. *Repair work of Old College (near Taormina)*
7. *Karm Galea with Tower Road*
8. *Ghar id-Dud Street (Tappiera) at the bottom*
9. *Dingli opposite Economical pharmacy*
10. *Tower Road (Joining Amery)*
11. *Dragut Street c/w Locker (intersection)*
12. *Sir Arturo Mercieca (bottom part with Tower Road)*
13. *Tower Road (opposite 200) Near Zebra Crossing*
14. *Stella Maris c/w Howard*
15. *St Anthony (all the way to Hughes Halliet)*
16. *Graham with Tower Road*
17. *Howard to Amery and Howard to Stella Maris*
18. *Karm Galea/Tower Road*

*19. High Street with St Vincent*

5.6 Il-Kunsill ġie infurmat li nhar is-Sibt se ssir 15m minn Triq Santa Marija u 15m minn Triq Manwel Dimech minn Philip Agius and Sons. Wara dan mhux se jagħmel aktar xogħol qabel ma jitħallas ta' dak li għad irid jiġi ċertifikat mill perit David Vassallo ta' xogħol madwar Ewro 90,000. *Triq Santa Marija ma Manwel Dimech*

5.7 Il-Kunsill kellu jieħu parir mil-kamra tal-periti dwar din is-sitwazzjoni li l-perit ta' qabel għadu ma ċċertifikax ix-xogħol kollu. *Talba għal ċertifikazzjoni ta' xogħlijiet*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-18.42*

5.8 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet jistax il-Kunsill ifittex kuntrattur ieħor biex jagħmel ix-xogħol għaliex dan mhux tort tal-Kunsill li ma ġiex ċertifikat.

5.9 Il-Viċi Sindku qal li minn aspett legali hemm il-Bord tal-Appelli. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li niktbu jew L-AKL jew Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.10 Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat email lil perit David Vassallo li fuq deċizjoni tal-Kunsill, il-Kunsill se jkun qiegħed ifittex parir legali u mil-kamra tal-periti.

5.11 Sadanittant il-Kunsill se japprova l-lista ta' *patching* u x-xogħol isir ftit ftit. *Patching*

5.12 Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li qiegħed isir patching ta' biċċiet zgħar mill-ħaddiema tal-Kunsill li permezz tal-*compactor* qiegħed izomm aktar.

5.13 Is-Sindku informa li bħalissa qiegħed issir Sqaq Rudolfu ma Triq Ganni Bencini u li inqalgħet problema bid-dranaġġ. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti li jinbiddlu connections tad-drenaġġ kif ukoll issir il-bankina ħa jkollhom kollox ġdid. *Sqaq Rudolfu*

5.14 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalgħet li qiegħed ikun hemm l-ilmenti dwar il-knis u semmiet b'mod speċifiku Triq Moroni. Is-Sindku informa li qegħdin ikollhom diversi laqgħat mal-kuntratturi flimkien mal-*contracts manager*. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li jkun hemm *street leader* dwar il-knis. Ma kien *Knis fit-toroq*

hemm l-ebda deċizjoni dwar dan.

5.15 Il-Kunsillier M. Briguglio irrimarka li hemm ħafna toroq li qegħdin wisq ħazin u saqsa jekk il-Kunsill approva lista ta' *patching* se jsir minħabba *budgeting*. Is-Segretrju Ezekuttiv wieġeb li għalissa l-għazla tkun bejn *patching* jew triq. Is-Sindku qal li xogħol f'*patching* jolqot diversi nies skont il-lista approvata f'din l-istess laqgħa. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill għad irid jagħmel ħlasijiet ta' xogħlijiet li saru qabel. Is-SE qal li importanti li jekk din id-darba hemm qbil li jsir *patching* u s-sena dieħla ikun hemm pjan li ssir triq importanti li jiġi avzat minħabba l-budget.

5.16 Is-Sindku tkellem dwar il-Junction ta' Old College Street u jissuġġerixxi li l-perit mit-TM ikun David Vassallo. Il-Kunsillier P. Radmilli jissuġġerixxi li jibdiha l-perit tagħna mill-ġdid. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qablet ma dan. Kien hemm qbil li tintbgħat pjanta ġdida u ssir mill-perit tal-Kunsill, u dan wara li jittiehed parir minghand l-istess perit gdid tal-Kunsill dwar din is-sitwazzjoni. *Junction – Old College*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat mis-seduta 19.27*

## 6. KUNTRATT TA' TPAĊĊIJA – POLIDANO BROS

6.1 Il-Kunsill ġie mfakkar li Polidano Bros għandu jagħti flus lill-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa mal-kuntrattur għal kompromess. Fil-laqgħa se jkunu prezenti s-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv, l-membri tal-*Finance Committee* il-Kunsilliera M. Briguglio, L. Cassar Shaw, P. Radmilli u l-*accountant* tal-Kunsill. Il-laqgħa għandha ssir bejn 2 u t-8 ta' Lulju 2015 *Laqgħa ma Polidano Bros*

## 7. SUĠĠERIMENTI TAL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Sindku tkellem dwar l-electronic billboard li giet proposta minn kumpanija private li jkun hemm fix-Xatt. Il-Kunsill jaqbel mal-*location* u jrid jindaga dwar il-ħlas. Il-Kunsill qabel li tintbghat *no objection*. *Electronic billboard*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 19.39*

7.2 *Il-laqgħa ġiet sospiza u l-accountant tal-Kunsill spjega ir-risposta draft tal-management letter min-naħa tal-Kunsill.*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta 19.44*

7.3 Ġie nnotat mill-awdituri biex il-Kunsill jalloka aktar l-ispiza għall-insurance. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill approva r-risposta tal-*management letter*. *Management letter – risposta*

7.4 Il-kunsillier J. Pillow fakkar fid-deċizjoni li kienet ittieħdet waqt seduta tal-Kunsill ta' l-20/01/2015 li l-fondi li l-Kunsill kien rebaħ tat-tielet premju dwar l-ISkema A+, imorru għall-bandla tal-*wheelchair* fi Qui si Sana. Kien hemm qbil dwar dan, is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li se jkellem lill-kuntrattur biex iġib il-*fencing*. *Bandla għall-persuni b'dizabilita*

*Il-Viċi Sindki ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.02*

7.5 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill jerġa japplika għall-iskema A+ Kien hemm qbil dwar dan. *Skema A+*

7.6 Il-Kunsillier M. Briguglio propona li għal din l-iskema napplikaw li jew isiru rampi għal persuni b'dizabilita jew ikun hemm aċċess għall-bajjiet għal persuni b'dizabilita. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera presenti li l-Kunsill japplika għal din l-iskema bil-proposta ta' r-rampi għall-persuni b'dizabilita (bejn 15 u 20 il-rampa) fil-*business area* tax-Xatt u Triq Bisazza

7.7 Il-Kunsillier M. Briguglo informa li minkejja t-tabella li hemm fil *playing area* dwar il-bandla li trid tintuza biss minn persuni b'dizabilita xorta għada qegħda tintuza minn kulħadd. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li jerġa jkun hemm *security*. Mhux kulħadd qabel ma dan għaliex jista jkun u ħela ta' flus għaliex securituy ma jista ikun hemm il-ħin kollu. Il-Kunsill qabel li titkabbar it-tabella biex tidher aħjar. *Bandla Sliema Playing Fields*

7.8 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-email li ntbgħtet bil-punti li saru minnu u mill-Kunsillier P. Radmilli dwar l-oġġezzjoni għall-proġett TownSquare. Kien hemm qbil li tintbgħat l-istess email lill-MEPA. *Oġġezzjoni - TownSquare*

7.9 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar dwar seminar li l-Viċi Sindku kien propona dwar kostruzzjoni. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jorganizza data għal wara s-Sajf fejn niestiednu lir-residenti, kuntratturi u jsir forum. Għall-organizzajoni ta' dan il-forum se jkunu involuti l-Viċi Sindku, il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio. *Forum- Kostruzzjoni*

7.10 Is-Sindku informa li hemm bzonn li l-bajja ta' bejn l-Exiles u *Bajja Exiles*

Surfside timtela bi zrar u fuq b'xi bolders. Il-Kunsill qabel li l-perit irid jara u tintbgħat stima.

7.11 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar il *car park* tal-ex Regina għaliex hemm *dust pollution* minħabba li dan kollu trab u ġebel u għandhom l-entratura u l-ħruġ ta' dan il-carpark huwa perikoluz. Kien hemm qbil li dwar il-pollution il-Kunsill jiċċekkja mal-MEPA dwar *requirements* u permessi. Dwar is-sigurta tad-dħul u ħruġ tal-*carpark* il-Kunsill jiċċekkja mat-Transport Malta. *Car park - Ex Regina*

7.12 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li parti mil-bankina fi Triq Rudolfu (in-naħa ma Manwel Dimech) bħalissa qegħda rampa u hemm bzonn togħla biex issir biċċa bankina. Il-Kunsill qabel ma dan. *Bankina Triq Rudolfu*

7.13 Il-Kunsillier J. Pillow irrimaka wkoll li qegħdin jiġu rifreskati xi marki tal-linji fit-toroq minn terzi persuni.

7.14 Il-Kunsillier J. Pillow propona li titressaq 'l isfel iz-zebra crossing ta' Triq Bisazza biex ma jkunx hemm abbuzi mis-sewwieqa tal-muturi. Il-Kunsill għandu jikteb lit-TM *Zebra crossing – Triq Bisazza*

7.15 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris qalet li hemm bzonn li titnaddaf il-parti ta' Triq Gorg Borg Oliver tan-naħa tal-Capua. *Tindif*

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Is-seduta waqqfet fit-20.39. Seduta oħra ġiet aġġornata nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 23/07/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**